# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 30 ta' Mejju, 2001**

**Numru 77**

**Citaz. Nru. 385/00GV**

**Doc. Nru. 87-01**

**Coreschi Limited**

**vs**

**Maria Coreschi**

Il-Qorti,

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha is-socjeta' attrici ippremettiet illi l-konvenuta kienet impjegata mas-socjeta' attrici fi l-Helena Hotel, Msida;

Premess illi fil-hmistax (15) ta' Settembru, 1997 gie tterminat l-impjieg tal-konvenuta;

Premess illi l-konvenuta bdiet proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali (kaz numru 1182) fejn allegat li giet imkeccija ngustament mill-impjieg taghha mas-socjeta' attrici;

Premess illi l-konvenuta ghamlet allegazzjonijiet malafamanti fil-konfront tad-direttur tas-socjeta' attrici tant li ttiehdu anke proceduri krimanali fil-konfront tieghu;

Premess illi fi Frar 1999 inghatat sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Anthony Coreschi" fejn il-Qorti lliberat lill-akkuzat minn kull akkuza li saret fil-konfront tieghu (Dok. AC1). F'dawn il-proceduri l-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li "gie muri mid-difiza, u din il-Qorti tinsab pjenament konkordi, li l-iskop wara dawn l-allegazzjonijiet kien li tittiehed l-gestjoni tal-lukanda minn idejn l-imputat";

Premess illi inoltre s-socjeta' attrici kienet intavolat proceduri kontra l-konvenuta sabiex tinzamm milli tkompli tidhol fil-Helena Hotel. Permezz ta' sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet Anthony Coreschi proprio et nomine vs Maria Coreschi (Citaz. Nru: 2685/97RCP) deciza fit-tlettax (13) ta' Lulju, 1999 il-Qorti laqghet it-talba ta' l-atturi wara li ghamlet riferenza ghall-fabbrikazzjoni ta' l-akkuzi li saru mill-konvenuta (Dok. AC2);

Premess illi minn dawn il-proceduri ma gie ntavolat ebda appell u ghalhekk illum jifformaw gudikat;

Premess illi fil-kors tal-proceduri pendenti quddiem it-Tribunal Industrijali, is-socjeta' attrici ntavolat rikors li permezz tieghu talbet sabiex in vista ta' dawn il-provi skjaccanti kontra l-konvenuta, ighaddi ghad-decizjoni finali billi l-meritu ta' dawn il-proceduri jinsab ezawrit;

Premess illi permezz ta' digriet moghti fis-seduta ta' l-ewwel (1) ta' Frar, 2000, it-Tribunal cahad it-talba tas-socjeta' attrici u ordna lill-konvenuta sabiex tibda tressaq il-provi taghha;

Ghar-ragunijiet fuq premessi u prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi, is-socjeta' attrici talbet li din l-Onorabbli Qorti:

Tirrevoka d-digriet moghti mit-Tribunal Industrijali fl-ewwel (1) ta' Frar, 2000 u li permezz tieghu gie ordnat il-prosegwiment tal-proceduri billi l-konvenuta tibda tressaq il-provi taghha, peress li llum il-meritu tal-kwistjoni huwa ezawrit bis-sentenzi fuq imsemmija; u

Tordna lit-Tribunal Industrijali sabiex jaqta' u jiddeciedi l-kwistjoni ghab-bazi tas-sentenzi gia moghtija fuq l-istess meritu.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol 3;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Maria Coreschi fejn eccepiet:

1) Illi, preliminarjament in-nuqqas ta' gurisdizzjoni stante li t-Tribunal Industrijali skond l-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 266) ghandu gurisdizzjoni esklussiva f'kazijiet ta' allegazzjoni ta' tkeccija ingusta bhal fil-kaz presenti.

2) Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-meritu it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, huma nulli u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici stante li:

a) d-digriet tat-Tribunal Industrijali tal-ewwel (1) ta' Frar, 2000 li permezz tieghu gie ordnat li l-konvenuta tibda tressaq il-provi taghha huwa digriet gust u jimmerita konferma ghax gew osservati mit-Tribunal Industrijali l-proceduri, ligijiet u regoli kollha applikabbli;

b) it-talbiet attrici jikkostitwixxu vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali ta' l-attrici stabbiliti fl-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali stante li l-istess talbiet attrici huma intizi sabiex:

[i] il-konvenuta fil-proceduri istitwiti minnha quddiem it-Tribunal Industrijali, tigi mcahhda mid-dritt fundamentali taghha li jkollha smiegh xieraq, li tressaq il-provi taghha u li taghmel is-sottomissjonijiet taghha u l-osservazzjonijiet taghha skond kif stabbilit kemm fil-fuq imsemmija artikoli tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea, u kif ukoll fl-Att dwar ir-Relazzjoni Industrijali (Kap. 266); u

[ii] il-konvenuta fil-proceduri istitwiti minnha quddiem it-Tribunal Industrijali, tigi mcahhda mid-dritt li l-kaz taghha jinstemgha minn tribunal imparzjali u indipendenti peress li bit-talbiet attrici, l-istess Tribunal Industrijali qieghed jigi illegalment u abbuzivament ipprivat u zvestit mis-setgha tieghu esklussiva u mill-gurisdizzjoni tieghu esklussiva naxxenti mill-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 266), li indipendentement u imparzjalment jiddeciedi l-kaz dwar it-tkeccija ngusta soferta mill-konvenuta; u

c) is-sentenzi imsemmija mis-socjeta' attrici fil-hames (5) u fis-sitt (6) premessa tac-citazzjoni ma ghandhom l-ebda rilevanza fir-rigward tal-procedura istitwita mill-konvenuta quddiem it-Tribunal Industrijali kontra s-socjeta' attrici stante li l-istess sentenzi gew moghtija f'sedi gudizzjarji ohra u kellhom quddiemhom kawzi b'meritu kompletament distint u separat mill-kwestjoni ta' tkeccija ngusta li sofriet il-konvenuta, dwar liema tkeccija ngusta ghandu jiddeciedi t-Tribunal Industrijali indipendentement u imparzjalment.

3) Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza kif rikostruwiti;

Rat id-dokumenti ezibiti;

Semghet lill-Avukati difensuri jittrattaw l-ewwel eccezzjoni;

**ECCEZZJONI GURISDIZZJONI**

Il-konvenuta eccepiet preliminarjament in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ dina l-Qorti stante li t-Tribunal Industrjali skond l-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali Kap. 266 ghandu gurisdizzjoni esklussiva f’kazijiet ta’ allegazzjoni ta’ tkeccija ingusta bhal fil-kaz prezenti.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DRITT**

> "Il-kwistjoni tal-gurisdizzjoni generali ta' dawn il-Qrati biex jissindikaw l-operat u d-decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali imwaqqaf bl-artikolu 26, Kap. 266, hi rizoluta affermattivament mill-gurisprudenza (Prim.Awla tal-Qorti Civili - Citaz. 327/87 - Montalto vs Chircop tat-18 ta' April, 1987; P.A. Citaz. Nru 174/87, Montalto -vs- Clews tas-26 ta' Mejju, 1987; P.A. Citaz. 609/86, Borg D'Anastasi -vs- Decesare tat-3 ta' April, 1989 u P.A. Citaz Nru 831/88, Privitera noe -vs- Bonello tat-23 ta' Gunju, 1989).
>
> Dik il-gurisdizzjoni pero' hija limitata ghal tliet kategoriji ta’ difetti - (a) eccess ta’ gurisdizzjoni; (b) non-osservanza ta’ l-istess ligi kostitwita - Kap 266 u finalment (c) non-osservanza ta’ xi wiehed mill-principji fundamentali tal-gustizzja.

Sussegwentement fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Mejju, 1991 il-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza "Reno Alamango -vs- Mary Rose Ciantar" tat sentenza ohra fejn irribadiet illi:

> "Dik il-gurisdizzjoni pero' hija limitata ghal meta t-Tribunal Industrijali tmur "ultra vires" lilu moghtija u/jew ghal meta ma jkunx assigura li l-gustizzja issir skond il-merti tas-sustanza tal-kaz u li din tkun bla hsara ghar-regoli tal-gustizzja naturali u/jew meta t-Tribunal jaghti xi sentenza jew decizjoni li tkun kontra xi ligi miktuba, jew xi att iehor li jkollu forza ta' ligi, li jirregola l-pagi u pattijiet u kundizzjonijiet ohra ta' impjieg.

> It-Tribunal Industrijali ghandu skond il-Kap. 266 gurisdizzjoni esklussiva f'kazijiet ta' allegazzjoni ta' tkeccija ingusta fit-termini ta' l-artikolu 28 (1)…. "

Fis-sentenza tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Marzu, 1991 in re "Anglu Fenech et nomine -vs- Albert Mizzi et nomine" il-Qorti ta' l-Appell ziedet tghid, dejjem fl-istess kuntest, illi:

> "Jidher li qatt ma huwa bizzejjed li jigi ripetut li fis-sistema ntrodotta bl-Att XXX ta' l-1976 - illum il-Kapitolu 266 tal-Ligijiet - mid-decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali m'hemmx appell - u l-Qrati ghandhom funzjoni ta' kassazzjoni fl-ewwel grad u appell mill-gudizzju ta' kassazzjoni fit-tieni grad."

Fis-sentenza taghha tas-sbatax (17) ta' Mejju, 1993 in re "Avukat Dottor Vincent Falzon noe -vs- Isabelle Grima" il-Qorti ta' l-Appell irribadiet illi:-

> "Ghandha tenfasizza illi l-ligi ma kkoncedietx id-dritt ta' appell mid-decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali, u ghalhekk dawn il-Qrati Superjuri ma ghandhomx gurisdizzjoni biex jirriezaminaw jew jirrevedu l-meritu tal-kontroversja li giet deciza mit-Tribunal Industrijali."
>
> "Mhux kompitu ta' dawn il-Qrati li jissostitwixxu d-diskrezzjoni taghhom ghal dik tal-Bord. La l-ligi afdat dik il-funzjoni kwazi gudizzjarja f'idejn il-Bord, huwa l-Bord u hadd iehor ghalih li jrid jiddeciedi…..Il-Qorti trid toqghod ferm attenta li ma tezawtorax lit-Tribunal mill-funzjonijiet proprji tieghu li jinkludu dawk li jinterpreta mhux biss l-elementi ta' fatt li jingiebu quddiemu imma wkoll il-punti ta' dritt rilevanti ghall-kaz" PA 10/6/87 Borg Cardona vs Busutill et noe.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Fil-kaz in ezami t-Tribunal kellu talba minn Anthony Coreschi biex in vista ta' xi decizjonijiet minn Qrati ohra jghaddi ghad-decizjoni finali billi l-mertu tal-proceduri quddiem il-Tribunal kienu ezawriti.

Maria Coreschi kienet opponiet dina t-talba billi ssottomettiet li hija kellha dritt fundamentali li tixhed u li tipproduci l-provi u x-xhieda taghha.

It-Tribunal kien cahad it-talba ta' Anthony Coreschi u ordna lil l-istess Maria Coreschi biex tibda bil-provi.

In segwitu ta' dana d-digriet Anthony Coreschi pprezenta dina l-kawza biex jitlob ir-revoka ta' dana d-digriet u biex t-Tribunal jigi ordnat li jiddeciedi l-kwistjoni a bazi tas-sentenzi moghtija fuq l-istess mertu minn Qrati ohra.

Tikkunsidra

Il-Qorti hi tal-fehma li fid-degriet ma hemm xejn li jmur kontra l-ligi. Id-degriet mhux in eccess tal-gurisdizzjoni konferita fuq it-tribunal. Lanqas ma jirrizulta li tezisti xi non-osservanza tal-ligi kostitwita cioe l-Kap 266. Finalment id-digriet tat-Tribunal bl-ebda mod ma jmur kontra l-osservanza ta' xi wiehed mill-principji fundamentali tal-gustizzja, anzi ghal kuntrarju d-digriet kien intiz biex ikun hemm smiegh xieraq tal-parti l-ohra - audi alteram partem.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta u tichad it-talbiet ta' l-attur, bl-ispejjez kontra tieghu.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**